PDF Compressor Pro



Waqt il-pellegrinaġġ tal-muturi u r-roti wara x-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja

Pellegrinaġġ tar-roti u l-muturi

Nħar il-Ħadd, 16 ta' Settembru, numru sabieħ ta' sewwieqa tar-roti u muturi ltaqgħu fil-pjazza tas-Santwarju ta' Pinu biex jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ tar-roti u muturi lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat.

Il-pellegrinaġġ isir ta' kull sena bħala parti mill-festa tal-Madonna tal-Grazzja u din kienet il-ħdax- il darba li sar.

Qabel it-tluq minn Ta' Pinu, l-parteċipanti ngħabru għal talba qasira ħdejn it-*truck* li ġarr kopja tal-kwadru nkurunat tal-Madonna tal-Grazzja. It-*truck* mexxa l-pellegrinaġġ li kien akkumpanjat il-ħin kollu bil-kant ta' innijiet marjani.

Jilqa' l-pellegrinaġġ quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja kien hemm il-Gwardjan Patri Karm Dimech li flimkien mal-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Attard bierek il-parteċipanti u tagħhom tifkira tal-okkażjoni.

MINN GĦAWDEX ma' **Charles Spiteri**





Il-Gwardan Patri Karm Dimech jagħmel talba qasira mal-wasla tal-pellegrinaġġ



Patri Karm Dimech jqassam lil uħud minn dawk preżenti tifkira tal-okkażjoni

Festa Familja fix-Xewkija

Nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru, il-Kunsill Lokali tax-Xewkija organizza '**Festa Familja**' fl-okkażjoni tal-*'Car Free Day'* fix-Xewkija. Din l-attività saret fi Pjazza San Ġwann Battista u fit-toroq ta' madwar il-knisja. Taw sehemhom diversi għaqdiet mix-Xewkija fosthom ix-Xewkija *Tigers Youth Nursery* kif ukoll Carmen Tedesco, Mojo's, u Nancy (*World Marketing*).

Fost affarijiet oħra kien hemm ikel b'xejn għal kulħadd, logħob għat-tfal, żfin, tagħrif dwar is-saħħa minn membri tal-*Emergency Response and Rescue Corps* (E.R.R.C.) u affarijiet oħra.



Is-Sur Portelli, żagħżugh mir-Rabat, Għawdex, voluntier mal-Grupp E.R.R.C. jidher jiċċekkja l-pressjoni lil wieħed anzjan



Martina Buttigieg ta' ħames snin tidher tinżebaħ fil-wiċċ minn Diana Vella




Ma naqasax ukoll is-segment tal-eżercizzju



Mark Dingli ta' 9 snin jixxabbat ma' torri specjali poġġut fil-Pjazza għal-loghob tat-tfal

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna